MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2010

Talba Numru. 625/2009

**Krea (Malta) Limited (C-30172)**
**vs**
**Bay Catering Company Limited (C-39785) u**
**Clarence Busuttil (K.I. 120859M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ elfejn, tlett mija, disgha u erbghin ewro u disa’ centezmi (€2,349.09) rapprezentanti l-import ta’ cekk mahrug mill-kumpanija konvenuta nhar is-6 ta’ Frar, 2008 bin-numru 798 ( kopja annessa mat-talba) liema cekk gie ritornat mill-bank bhala *refer to drawer*.

Ghaldaqstant, il-kumpanija attrici titlob lil dan it-Tribunal jikkundanna lil-konvenuti jhallsu lill-kumpanija attrici s-somma ta’ €2,349.09 rapprezentanti l-import ta’ cekk mahrug mill-kumpanija konvenuta nhar is-6 ta’ Frar, 2008 bin-numru 798 (kopja annessa mat-talba) liema cekk gie ritornat mill-bank bhala *refer to drawer*.

Bl-ispejjez, inkluz l-ittra ufficjali datata 24 ta’ Marzu, 2009 , u bl-imghax legali mis-6 ta’ Frar, 2008 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta ghalkemm debitament notifikati u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenuti fis-17 ta’ Mejju, 2010 mill-Avukat Dr.William Cuschieri u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------